MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 19/2006/1

Rikors Nru 19/2006

Alfred Mifsud

Vs

Emanuel Spagnol

Il-Bord,

Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fl-24 ta’ Frar, 2006 fejn espona:

Illi huwa jikri l-fond ufficjalment huwa markat bin-numru 7(seba) Triq Bandolier, Zejtun lill-intimat bil-kera ta’ Lm200 (mitejn lira Maltija) pagabbli kull sena bil-quddiem, u l-ahhar skadenza fil-hamsa (5) ta’ Settembru.

Illi r-rikorrenti jixtieq jirriprendi l-pussess tal-fond hawn fuq indikat stante illi huwa ghandu bzonnu ghal htigijiet

personali tieghu; peress illi giet kawzata hsara estensiva fil-fond, peress illi saru alterazzjonijiet minghajr il-kunsens tas-sid u li bidel in-natura tal-fond u dan billi ma qieghedx isir uzu minnu ghall-iskop originalment lilu koncess b'mod illi sar bdil fid-destinazzjoni tal-lokazzjoni u anke talli ta u ssulloka  l-istess fond lil terzi minghajr il-kunsens tar-rikorrenti.

Illi dawn in-nuqqasijiet da parti ta' l-intimat jikkostitwixxu raguni valida fil-ligi sabiex ir-rikorrenti jirriprendi l-pussess tal-fond mghoddi lill-intimat b'kera kif aktar il-fuq indikat.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu illi ghar-ragunijiet premessi jawtorizzah li jirriprendi l-fond hawn fuq indikat u dan f'perijodu qasir u perentorju li li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ra li l-intimat debitament notifikat la ressaq twegiba fir-registru tal-Qorti u lanqas deher fis-seduta ta' llum biex jikkontesta t-talba.

Semgha x-xhieda bil-gurament tar-rikorrent.

Ra l-artikolu 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent fuq il-kawzali kollha u jawtorizzah jerga' jiehu f'idejh il-fond bin-numru 7(seba) Triq Bandolier, Zejtun; ghal ghan ta' tkeccija jaghti xahar zmien millum; L-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------